



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

7.3.2011

B7-0170/2011

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni mill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-Viċinat tan-Nofsinhar, u partikolarment il-Libja

Martin Schulz, Ana Gomes, Kader Arif, Juan Fernando López Aguilar, María Muñoz De Urquiza, Roberto Gualtieri, Vincent Peillon, Harlem Désir, Sylvie Guillaume, Kristian Vigenin
f'isem il-Grupp S&D

B7-0170/2011

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Viċinat tan-Nofsinhar, u partikolarment il-Libja

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU Nru 1970/2011 adottata fis-26 ta' Frar 2011,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1 ta' Marzu 2011 li b'mod unanimu tissospendi s-sħubija tal-Libja mal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU Nru S-15/2 adottata fil-25 ta' Frar 2011,
 - wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2011 li timponi l-embargo fuq l-armi u s-sanzjonijiet immirati għal-Libja,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2011, fejn ippreċiża l-kundizzjonijiet kritiċi li jikkonċernaw in-negozjati dwar il-Ftehim Qafas bejn l-UE u l-Libja,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-24 ta' Ottubru 2005 (L-Eżitu tas-Samit Dinji 2005) dwar ir-responsabbiltà għall-protezzjoni tal-popolazzjonijiet mill-ġenoċidju, mid-delitti tal-gwerra, mit-tindif etniku u mid-delitti kontra l-umanità, u r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, tas-7 ta' Ottubru 2009, dwar ir-responsabbiltà għall-protezzjoni,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tat-28 ta' April 2006, li f'punt 4 tagħha jerġa' jsostni d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 138 u 139 tal-Eżitu tas-Samit Dinji 2005 rigward ir-responsabbiltà għall-protezzjoni tal-popolazzjonijiet mill-ġenoċidju, mid-delitti tal-gwerra, mit-tindif etniku u mid-delitti kontra l-umanità,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi r-reġim dittatorjali, li ggverna lil-Libja għal dawn l-aħħar 41 sena, irażżan b'mod vjolenti l-protesti politikament leġittimi u ma jilqax it-talbiet tal-poplu Libjan u tal-komunità internazzjonali biex jirriżenja b'mod immedjat u jwaqqaf it-tixrid tad-demem; billi l-militari tal-Libja bbumbardjaw bliet, bħal al Zawya, Sabratah, al-Brega u Ajdabiya,
- B. billi l-komunità internazzjonali wriet unanimità sħiħa fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar is-sanzjonijiet imposti fuq ir-reġim il-Ġamaħirija Għarbija Libjana, billi adottat l-UNSCR 1970/2011 u bosta mexxejja tad-dinja sa mill-bidu tar-rewwixta ripetutament talbu lil Gaddafi biex jirriżenja,
- C. billi r-reġim ta' Gaddafi qed jattakka mill-ajru lill-popolazzjoni ċivili u qed joħroġ il-

merċenarji biex jisparaw mingħajr ebda distinzjoni,

- D. billi skont l-UNHRC aktar minn 200 000 ruħ ħarbu mil-Libja lejn it-Tuneżija, l-Eġittu u n-Niġer tal-viċinat f'dawn l-aħħar ġranet u eluf ta' rifuġjati u ħaddiema barranin oħra qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' kundizzjonijiet drammatiċi biex jaħarbu mill-kunflitt jew jitolqu mil-Libja,
- E. billi l-avvenimenti li seħħew riċentement fil-Libja, fl-Eġittu u fit-Tuneżija jenfasizzaw l-urġenza għal riforma tal-azzjoni esterna tal-UE lejn ir-reġjuni tal-Mediterran,
- F. billi l-Lega Għarbija ssošpendiet lil-Libja fit-22 ta' Frar u s-Segretarju Ġenerali tagħha ddikjara, fit-3 ta' Marzu, li l-Lega tista' timponi żona b'restrizzjonijiet ta' titjir fuq il-Libja b'koordinazzjoni mal-Unjoni Afrikana jekk jitkompla l-ġlied fil-Libja,
- G. billi l-Kunsill Nazzjonali tal-Libja fil-belt ta' Benghazi sejjaħ għal intervent barrani biex iwaqqaf lill-gvern milli jagħmel attakki mill-ajru fuq ir-ribelli, filwaqt li l-Kunsill Interim ta' Tranżizzjoni Nazzjonali fi stqarrija bid-data tal-5 ta' Marzu jitlob lill-komunità internazzjonali 'biex twettaq l-obbligi tagħha biex tipproteġi lill-poplu Libjan minn aktar ġenoċidju u delitti kontra l-umanità mingħajr ebda intervent militari dirett fuq l-art Libjana',
- H. billi t-tax-il 'rapport Annwali skont l-Artikolu 8(2) tal-pożizzjoni komuni tal-Kunsill 2008/944/CFSP li jiddefinixxi r-regoli komuni li jiggvernaw il-kontroll tal-esportazzjoni tat-teknoloġija u t-tagħmir militari' (2011/C 9/01), maħruġa f'Jannar li għadda, jikkonferma li Stati Membri tal-UE awtorizzaw liċenzji għall-esportazzjoni tal-armi b'valur ta' 343 miljun euro lejn il-Libja fl-2009 biss,
- I. billi avolja rrinunzja għall-programm WMD tiegħu fl-2004, ir-reġim ta' Gaddafi għadu jżomm ħażna ta' 9.5 tunnellata metrika ta' gass tal-mustarda,
- J. billi t-Teżor Amerikan ibblokka \$30 biljun f'assi Libjani, l-akbar somma li qatt iffriża,
- K. billi tliet baħrin Olandiżi jinsabu maqbuda fil-Libja talli ppruvaw jgħinu liċ-ċittadini barranin jaħarbu,
- L. billi fid-29 u t-30 ta' Novembru 2010 sar it-tielet Samit Afrika-UE fi Tripli, inkluż is-Samit Parlamentari ta' qabel bejn l-UE u l-PAP, li fit-tnejn li huma ġiet enfasizzata l-importanza tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-prevenzjoni ta' konflitti,
- M. billi n-negozjati dwar il-Ftehim Qafas bejn l-UE u l-Libja ġew sospiżi, kif imħabbar mir-Rappreżentant Għoli / il-Viċi-President fit-22 ta' Frar,
 - 1. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-poplu Libjan, ifaħħar il-qlubija u d-determinazzjoni tagħhom u jsostni bil-qawwa l-aspirazzjonijiet demokratiċi leġittimi tagħhom; jikkundanna bil-qawwa l-użu ta' vjolenza mir-reġim ta' Gaddafi kontra d-dimostranti, u jiddeplora l-għadd kbir iżda mhux ċert ta' nies maqtula u midruba minn mindu bdew il-protesti; jagħti l-kondoljanzi lill-familji tal-vittmi u juri t-tħassib tiegħu għall-midruba;
 - 2. Jenfasizza li r-reġim ta' Gaddafi m'għandu l-ebda leġittimità u għaldaqstant għandu jirtira

immedjatament jew jitneħħa mill-kariga, sabiex jippermetti t-twaqqif ta' tmexxija ġdida u rappreżentattiva biex tirreaġixxi għat-talbiet leġittimi tal-poplu Libjan għall-ħelsien, għad-demokrazija, għas-sigurtà u għall-governanza tajba;

3. Jappoġġja bis-sħiħ l-UNSCR 1970/2011 u l-miżuri li diġà ttehdju mill-Kunsill tas-Sigurtà biex jimplimentawha, b'mod partikolari l-embargo fuq l-armi, il-projbizzjoni ta' tagħmir għar-repressjoni interna, kif ukoll ir-restrizzjonijiet fuq id-dħul u l-iffriżar tal-fondi ta' persuni involuti f'abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-attakki fuq il-popolazzjonijiet ċivili
4. Jenfasizza li l-UE u l-Istati Membri tagħha jridu jħarsu r-Responsabbiltà li Jipproteġu, sabiex isalvaw il-popolazzjoni ċivili Libjana minn attacchi armati fuq skala kbira; għaldaqstant, m'għandha tiġi eskluża l-ebda opzjoni prevista fil-Karta tan-NU; jenfasizza li kwalunkwe miżura mwettqa mill-UE u l-Istati Membri tagħha għandha tkun f'konformità ma' mandat tan-NU u tfittex koordinazzjoni mal-Lega Għarbija u l-Unjoni Afrikana, b'hekk tinkuraġġixxi liż-żewġ organizzazzjonijiet biex imexxu l-isforzi internazzjonali;
5. Jenfasizza li attivitajiet merċenarji huma ta' theddida għall-paċi internazzjonali u s-sigurtà u huma delitt kontra l-umanità u għaldaqstant għandhom jitwaqqfu; jitlob lill-Kunsill u lir-Rappreżentant Għoli/l-Viċi President biex jibgħat twissijiet qawwija ta' skoraġġament biex il-gvernijiet ma jibagħtux merċenarji, militari jew tagħmir militari bħala appoġġ għar-repressjoni tal-poplu Libjan mir-reġim ta' Gaddafi; iħeġġeġ lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli/il-Viċi President biex ma jibqgħux jinsistu għall-adozzjoni ta' strument legali internazzjonali effettiv li jipprojbixxi l-attivitajiet merċenarji fuq livell globali, inkluż l-użu ta' militari privati u kumpaniji ta' sigurtà f'żoni ta' kunflitt;
6. Jesprimi tħassib kbir dwar il-kriżi umanitarja li qed iħabbtu wiċċhom magħha eluf ta' nies li qed jaħarbu miż-żoni ta' kunflitt, b'dan iżid mat-tbatija li diġà qed issofri l-popolazzjoni ta' 6 miljun Libjan u aktar minn miljun rifuġjat, li għadhom maqbudin fil-Libja, b'mod partikolari s-Sub-Saħarjana li qegħdin fil-periklu ta' persekuzzjoni talli ġew meħuda bħala merċenarji; jinsab partikolarment imħasseb dwar dawk li, minnħabba raġunijiet ta' sigurtà u ta' politika, ma jistgħux imorru lura lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħhom, bħall-Eritrej, is-Somali, l-Etjopjani, is-Sudaniżi, u jħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE biex jgħinuhom jinħelsu, jadattaw ruħhom u jgħixu f'pajjiż ġdid.
7. Jinkoraġġixxi lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President biex jpoġġu għad-dispożizzjoni l-mezzi kollha li hemm bżonn biex jappoġġjaw l-operazzjoni umanitarja internazzjonali b'saħħitha, jassistu lill-UNHRC u lil aġenziji rilevanti oħrajn, bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (OIM), l-Għaqda Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u l-Moviment tan-Nofs-Qamar l-Aħmar u l-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar (KISA) biex mingħajr telf ta' żmien u b'mod adegwat jieħdu pożizzjoni fil-konfini tal-Libja u biex jifihju passaġġi siguri biex iwasslu l-għajnuna ġewwa l-Libja, b'hekk jagħtu protezzjoni u assistenza ta' emerġenza lil dawk kollha fil-bżonn; Jappella lill-UE u l-Istati Membri biex jipprovdu trasport bl-ajru u bil-baħar biex jgħinu lill-migranti, lill-persuni li qed ifittxu asil u lir-rifuġjati tal-Libja biex jintbagħtu lura f'pajjiżhom jew biex jadattaw ruħhom u jgħixu f'pajjiż ġdid u biex jipprovdu appoġġ finanzjarju skont l-Appell konġunt tal-UNHRC u l-OIM, li nħareġ fit-3 ta' Marzu;

8. Hu tal-opinjoni li meta tittratta l-influss ta' persuni li qed jippruvaw jaħarbu mill-kunflitt tal-Libja, l-UE għandha tkun iggwidata minn approçċ umanitarju, li jappoġġa b'mod attiv l-assistenza u l-protezzjoni ta' emerġenza għal dawk li huma fil-bżonn fil-Libja u fil-pajjiżi tal-veċinat li ġew affettwati; jitlob lill-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi tal-veċinat tal-Libja biex joffru aċċess lill-persuni li qed jaħarbu mill-prosekuzzjoni u l-vjolenza fil-Libja, mingħajr ebda diskriminazzjoni; jikkundanna bil-qawwa kollha l-attakki fuq il-ħaddiema umanitarji u jenfasizza d-dritt ta' dawk midruba u l-morda li jfittxu assistenza medika;
9. Jikkunsidra li strateġija koerenti Euro-Mediterranja teħtieġ politika integrata ta' migrazzjoni bbażata fuq il-prinċipji ta' tqassim tal-piż u s-solidarjetà jikkunsidra li fl-eventwalità ta' influss ta' dan it-tip mill-Afrika ta' Fuq u mil-Lvant Nofsani, l-ebda Stat Membru tal-UE ma jkun jista' jegħleb l-isfidi waħdu;
10. Ifakkar li l-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-prinċipju ta' non-refoulement; jinnota li l-Frontex mhijiex mgħammra biżżejjed u ma tistax tkun l-għodda ewlenija biex tittratta l-fluss migratorju possibilment marbut mal-kriżi politika u umanitarja fl-Afrika ta' Fuq; jesprimi l-opinjoni tiegħu li l-UE għandha bżonn ta' rispons ikkoordinat u ta' malajr bħala parti minn stragija koerenti u fit-tul biex tittratta mat-tranżizzjonijiet politiċi fl-Afrika ta' Fuq;
11. Rigward il-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew dwar is-sitwazzjoni fl-Afrika ta' Fuq, fil-11 ta' Marzu, iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea biex:
 - tipprovdi kunsiderazzjoni sħiħa, f'konformità mal-klawżola ta' solidarjetà stabbilita fl-Artikolu 80 tat-TFUE, tad-diffikultajiet ta' dawk l-Istati Membri soġġetti għall-influss sproporzjonat ta' persuni spustati, billi possibilment tuża d-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2001/55 dwar l-istandards minimi għall-ġhotja ta' protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' massa ta' influss ta' persuni spustati, u dwar miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri li qed jilqgħu persuni bħal dawn u qed iġorru l-konsegwenzi ta' dan;
 - twaqqaf fond ta' solidarjetà speċjali, jekk hemm bżonn, biex tlaħħaq mal-kriżi umanitarja;
 - tistabbilixxi pjan ta' azzjoni ta' tqassim tal-piż biex tgħin lir-rifuġjati tar-reġjun jergħu jadattaw ruħhom u jgħixu f'pajjiż ġdid, ibbażat fuq il-prinċipju ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri;
 - tressaq b'mod urġenti l-adozzjoni tas-Sistema Komuni tal-Asil tal-UE, inkluż proċeduri ġusti u effiċjenti għall-protezzjoni internazzjonali;
12. Jitlob lill-Kunsill ilesti l-proċeduri ta' kodeċizzjoni relatati mat-twaqqif ta' Programm Konġunt tal-UE dwar ir-Risistemazzjoni u tal-Fond Ewropew għar-Rifuġjati għall-perjodu 2008-2013, kif ġie rrakkomandat mill-PE f'Mejju 2010; li jippermetti l-implimentazzjoni immedjata tal-proċeduri ta' emerġenza rigward il-kriżi umanitarja fil-Libja;
13. Jappoġġja l-UNSCR 1970/2011 dwar it-tressiq ta' Gaddafi u dawk kollha responsabbli

għal delitti ta' gwerra u delitti kontra l-umanità fil-Libja quddiem il-Qorti Kriminali Internazzjonali u jilqa' d-deċiżjoni mħabbra mill-Prosekutur tal-QKI biex tibda l-investigazzjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jikkoperaw bis-sħiħ u jipprovdu l-assistenza neċessarja lill-Qorti u lill-Prosekutur; ifakkar li r-reġim ta' Gaddafi għandu preċedenti ta' offiżi serji u ta' ksur fuq skala kbira tad-drittijiet tal-bniedem kontra l-poplu Libjan u offra għajnuna finanzjarja għat-terroriżmu internazzjonali li wassal għall-qtil ta' mijiet ta' ċittadini barranin;

14. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill biex jimplementa l-UNSCR 1970/2011 u jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra dawk responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u delitti kontra l-umanità fil-Libja;
15. Jikkundanna l-fatt li, mill-2004, Stati Membri tal-UE biegħu armi u tagħmir militari u ta' sigurtà lill-gvern Libjan, minkejja n-natura dittatorjali u terroristika tar-reġim ta' Gaddafi li ilha stabbilita għal ħafna żmien u l-kontradizzjoni mal-prinċipji u l-oġettivi tal-UE; jitlob lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President biex b'mod immedjat ivara reviżjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/CFSP li tiddefinixxi r-regoli komuni li jiggvernaw il-kontroll tal-esportazzjoni tat-teknoloġija u t-tagħmir militari, u għal dan jirrapurta lill-Parlament Ewropew;
16. Ifakkar li fl-Istrateġija Konġunta bejn l-UE u l-Afrika, il-mexxejja tal-UE u tal-Afrika wiegħdu li jieħdu l-miżuri neċessarji biex jassiguraw li l-assi miksuba b'mod illegali, inkluż il-fondi, jiġu investigati u jintbagħtu lura lejn il-pajjiżi tal-oriġini tagħhom; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jaġixxu skont il-Konvenzjoni Kontra l-Korruzzjoni u f'konformità magħha, sabiex jassiguraw l-għoti lura tal-assi ffriżati lill-poplu Libjan fil-futur; jenfasizza li azzjoni kkoordinata min-naħa tal-UE hija neċessarja biex jitwettaq l-iffriżar tal-assi miżmuma mill-familja ta' Gaddafi u l-assoċjati magħrufa fl-Ewropa jew f'istituzzjonijiet finanzjarji li joperaw fi kwalunkwe rifuġju fiskali, b'hekk jiġi assigurat li l-banek tal-UE josservaw ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta fir-rigward ta' kwalunkwe fondi potenzjalment illeċiti trasferiti mil-Libja; jenfasizza li kwalunkwe miżura għandha tħaddan l-assi kollha, inkluż id-dħul ta' fondi ta' investimenti sovrani amministrati mill-Awtorità tal-Investment Libjan, stmati li jlaħħqu t-total ta' \$60-80 biljun madwar id-dinja; jitlob li l-iffriżar tal-assi jinkludu d-dħul mill-bejgħ ta' żejt u gass; jitlob lill-Kunsill u l-Istati Membri biex jiżvelaw kompletament id-dettalji dwar l-assi ffriżati kollha;
17. Jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President biex jistabbilixxi kuntatt mal-forzi politiċi li qed jifacċaw fil-Libja, primarjament mal-Kunsill Nazzjonali li twaqqaf fil-Benghazi u f'żoni oħra, bil-għan li titħeġġeġ it-tranżizzjoni lejn id-demokrazija, u jiġi assigurat l-involvement ta' firxa wiesgħa ta' rappreżentanti tas-soċjetà Libjana u jingħata poter lin-nisa u l-minoranzi fil-proċess tranżizzjonali; iħeġġeġ lill-UE tikkontribwixxi għar-riformi demokratiċi u għall-istituzzjonijiet ta' stat ta' dritt fil-Libja billi tipprovdi appoġġ għall-iżvilupp ta' midja ħielsa u ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; b'mod partikolari partiti politiċi demokratiċi, sabiex ikunu jistgħu jsiru elezzjonijiet demokratiċi fil-futur;
18. Jenfasizza li rvellijiet popolari fil-Libja u f'pajjiżi oħra tar-reġjun huma fatturi li jiddeterminaw it-tgawdija tal-libertà bażika, tat-tranżizzjoni demokratika, tas-sigurtà u l-progress tal-poplu tagħhom, u dak hu deċiżiv ukoll għas-sigurtà, l-istabilità u l-prosperità

tal-Ewropa stess; jenfasizza l-bżonn urġenti ta' żvilupp ta' politiki u strumenti tal-UE aktar ambizzjużi u effiċjenti, u li jsaħħu l-isfond baġitarju tagħhom, biex jinkuraġġixxu u jappoġġjaw ir-riformi politiki, ekonomiċi u soċjali fil-viċinat tan-naħa t'isfel tal-Ewropa; jenfasizza li r-Rieżami Strateġiku kontinwu tal-Politika Ewropea tal-Viċinat għandu jirrifletti żviluppi fir-reġjun u għandu joħroġ b'metodi ġodda mtejba biex jissodisfa l-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet demokratiċi tal-popli fir-reġjun;

19. Jitlob għar-reviżjoni u koordinazzjoni u koerenza aħjar tal-politiki tal-UE fil-konfront tal-Ġirien Meditarranji tan-Nofsinhar, bil-għan li jiġi garantit li ma jkun hemm l-ebda kontradizzjoni fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija; itenni t-talba tiegħu biex l-UE tirrivedi l-politika tagħha ta' appoġġ demokratiku u favur id-drittijiet tal-bniedem sabiex toħloq mekkaniżmu ta' implimentazzjoni għall-klawsola fil-ftehimiet kollha ma' pajjiżi terzi; primarjament fi Ftehim Qafas tal-futur bejn l-UE u l-Libja; jikkunsidra li l-PEV trid tagħmel prijorità tal-kriterji relatati mar-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u tal-libertajiet, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-indipendenza tal-ġudikatura, il-pluraliżmu u l-midja ħielsa u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni;
20. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-parlamenti nazzjonali u lill-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, lin-Nazzjonijiet Uniti, lil-Lega tal-Istati Għarab, lill-Unjoni Afrikana, lill-gvernijiet tal-pajjiżi ġirien tal-Libja u lill-Kunsilli Nazzjonali li jirrappreżentaw il-forzi li qed jitfaċċaw fil-Libja.